**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Agius)**

**vs**

**Alfred Galea**

**Illum 28 ta' Ottubru, 2021**

**Kumpilazzjoni numru: 584/2016**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Alfred Galea, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 70270(M), billi huwa akkuzat talli:

1. Nhar is-6 ta' Novembru 2016 ghall-habta tal-15:45hrs gewwa c-Centru (kazin) tal-Partit Laburista, fi Triq San Bastjan, Hal Qormi u f' dawn il-Gzejjer, dolozament bil-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Alfred Felice u/jew persuni ohra f'periklu car, wera dan il-hsieb b' atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, billi ta daqqiet b'oggett illi jaqta' u bil-ponta, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali jew indipendenti mill-volonta' tieghu.

2. Talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, ikkaguna offiza fuq il-persuna ta' Alfred Felice u/jew persuni ohra, liema offizi jitqiesu li huma gravi skont kif iccertifikaw it-tobba mill-isptar Mater Dei.
3. U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, garr il-barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta jew bil-ponta ta' liema xorta jkun, minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija.
4. U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied.
5. U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, ingurja u hedded lil Alfred Felice u/jew persuni ohra.

Finalment huwa akkuzat ukoll talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi, irrenda ruhu recediv, b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula bi ksur tal-Artikoli 49 u 50 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll tohrog ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C fejn tipprojbixxi lill-imputat milli javvicina lil Alfred Felice u r-residenza tieghu u kif ukoll il-post li t-tali persuna tiffrekwenta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol. 578*) datata 30 ta' Lulju 2021 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

- Fl-artikoli 41(1)(a); 214; 215; 217; 218 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

- Fl-artikoli 214; 215; 216(1)(a), (c), (d); 217 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 6 u 51(7) tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 339(1)(d) u (e)
- Fl-artikolu 339(1)(d) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
- Fl-artikoli 31; 383 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi waqt l-udjenza tat-30 ta' Lulju 2021 (*a fol. 577)* gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fit-30 ta' Lulju 2021, u f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat ir-Rikors kongunt tal-Avukat Generali u tal-akkuzat Alfred Galea ai termini tal-Artikolu 392A(5) tal-Kap. IX tal-Ligijiet ta' Malta, illi filwaqt li ddikjaraw li qeghdin jaqblu fit-termini tal-Artikolu 392A(5) tal-Kodici Kriminali talbu lil din l-Onorabbli Qorti illi fl-eventwalita' prospettata u maqbula bejn il-partijiet li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkuzat Alfred Galea ghall-imputazzjonijiet dedotti kontrih, il-piena li ghandha tigi nflitta fuqu minn din l-Onorabbli Qorti ghandha tkun wahda ta' hames snin u sitt xhur prigunerija effettiva flimkien mal-hlas tal-multa fl-

ammont ta' mija u sittax –il euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47) u dan oltre d-debita konfiska skont il-ligi fit-termini tal-Artikolu 23 tal-Kodici Kriminali kif ukoll il-hlas tal-ispejjez peritali kollha inkorsi f'dan il-kaz u kwalsiasi sanzjoni u/jew konsegwenza ohra konsegwenzjali ghad-dikjarazzjoni u sejbien ta' htija.

Rat illi, waqt is-seduta tat-30 ta' Lulju 2021 il-Prosekuzzjoni nfurmat lill-Qorti li ma kellhiex aktar provi xi tressaq f'dan il-kaz u b'hekk ghalqet il-provi taghha fejn l-imputat irregistra ammissjoni.

Rat li l-verbal tas-seduta tat-30 ta' Lulju 2021 fejn il-kawza ġiet differita għal-lum biex l-imputat jikkonferma l-ammissjoni tieghu u għas-sentenza.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidrat:**

Semghet mill-gdid l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrat fl-atti fis-seduta tallum ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba wara li kkonsulta mal-avukat Gianluca Caruana Curran li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

***XHIEDA***

F'dan il-process xehdu tlieta u tletin (33) xhud kif gej:

Dr. Mario Scerri (*a fol* 27 et. seq.); PS 1585 James Weatherill (*a fol* 49 et. seq.); Alfred Felice (*a fol* 64 et. seq.); Joseph Muscat (*a fol* 76 et. seq.); PC 1532 Mario Caruana (*a fol* 159 et. seq.); Sawasen Felice (*a fol* 165 et. seq.); Emanuel Felice (*a fol* 182 et. seq.); Carl Tabone (*a fol* 190 et. seq.); Saviour Agius (*a fol* 208 et. seq.); Spettur Roderick Agius (*a fol* 221 et. seq.); PS 772 Dennis Agius (*a fol* 232 et. seq.); PC 883 Sean Cutajar (*a fol* 235 et. seq.); PS 274 James Turner (*a fol* 237 et. seq.); PC 903 Francesco Farrugia (*a fol* 239 et. seq.); WPC 189 Amy Mawdsley (*a fol* 241 et. seq.); PC 1439 Carl Pace (*a fol* 243 et. seq.); Dr. Anthony Cutajar (*a fol* 245 et. seq.); PC 1397 Ludwig Farrugia (*a fol* 304 et. seq.); Dr. Mario Scerri (*a fol* 306 et. seq.); PC 403 Kurt Micallef (*a fol* 325 et. seq.); PC 85 Silvio Briffa (*a fol* 327 et. seq.); PC 406 Sean Micallef u PC 405 Jason Schembri (*a fol* 334 et. seq.); Dr. Marisa Cassar (*a fol* 381 et. seq.); Renald Falzon (*a fol* 410 et. seq.); Doris Vella Cassia (*a fol* 426 et. seq.); Christian Tabone (*a fol* 429 et. seq.); Dr. Luke Zammit (*a fol* 441 et. seq.); PC 1076 Nicholas Borg (*a fol* 444 et. seq.); PC 1439 Carl Pace (*a fol* 446 et. seq.); PC 786 Stephen Casha (*a fol* 448 et. seq.); Dr. Mark Anthony Attard Biancardi (*a fol* 464 et. seq.); WPC 329 Tiziana Azzopardi (*a fol* 477 et. seq.); Mr. Benedict Axisa (*a fol* 507 et. seq.).

**KONSIDERAZZJONIJIET OHRA DWAR IL-PIENA**

Illi in linea generali jibda biex jinghad li:

> *l-piena m'ghandiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*[1]

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghal-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena

[1] Ref Ir-**Republika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef**: Appell Kriminali deciz 28.11.2006.

permezz ta' liema, skont ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

Illi dwar il-varji modi kif il-Qorti tista' titratta ma' persuna misjuba hatja ta' xi reat u x'evalwazzjoni ghandha ssir biex jigi stabbilit liema minn dawn il-modi jservi l-aktar lill-gustizzja, kellha l-opportunita tippronunzja ruhha l-Qorti ta' l-Appell Kriminali.

Ricentement il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Simon Borg**[2] dahlet fil-fond dwar l-iskop ta' piena:

> Dil-Qorti tagħmel ir-riflessjonijiet segwenti dwar l-istess piena. Il-ġustifikazzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett :
> (a) Retributtiv;
> (b) Preventiv; u
> (c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena
>
> L-**<u>aspett retributtiv</u>** tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi is-sitwazzjoni morali soċjali għal kif kienet qabel ma seħħet il-ħsara lis-soċjeta bil-kommissjoni tar-reat. U s-soċjeta teżiġi li l-ħati jagħmel tajjeb għall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paci u trankwillita' tagħha.

[2]Appell numru 96/2019deciz Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja fl-10 t'Ottubru 2019

L-**aspett preventiv** tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal biża li s-sanzjoni li tkun tista' tingħata toħloq f'moħħ is-soċjeta, b'mod li dak li jkun jerġa jaħsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minħabba l-biża li teħel il-piena, persuna tiġi mġegħela tixtarr sew il-konsegwenzi t'egħmilha qabel ma twettaq l-att kriminuż.

L-**aspett preventiv** għalhekk huwa dupliċi : wieħed ta' natura ġenerali u l-ieħor ta' natura speċjali. L-**effett preventiv ġenerali** huwa dak li bis-saħħa tal-liġi penali li tistabbilixxi l-piena, is-soċjeta tiġi kemm jista' jkun imrażna milli tikkommetti reati minħabba l- biża li tinkorri fil-piena jekk tinstab ħatja. Aktar ma dik il-piena tiġi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv ġenerali jkun laħaq il-mira tiegħu. L-**aspett preventiv speċjali** huwa dak li japplika għall-ħati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'oħra jerġa jaħsibha sew qabel ma jagħżel li jikser il-Liġi. Jekk is-soċjeta titlef din il-biża mill-piena minħabba li l-Liġi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minħabba li l-pieni ma jiġux applikati bir-rigorosita dovuta għall-fattispecie tal-każ, allura ma jkun hemm xejn li jġiegħel lill- membri tas-soċjeta milli jiddeżistu għax jekk jiddelinkwu mingħajr konsegwenza jew b'konsegwenza żgħira, isir konvenjenti għall- membri fi ħdan soċjeta li jiddelinkwu. Dan iwassal għal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti għall-interessi tal-kollettivita'. Is-soċjeta allura teħtieġ li l-piena jkollha aspett

preventiv li jkun effettiv u effikaċi meħtieġ għall-eżistenza paċifika tagħha stess. Altrimenti, il-kollass.

Finalment hemm l-**<u>aspett riedukattiv u rijabilitattiv</u>** tal-piena, li tikkonċentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-ħtija speċifika tal-ħati u li għaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir- rijabilitazzjoni tal-ħati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa kruċjali għas-soċjeta in kwantu jgħin lill-ħati jgħaddi minn proċess ta' riforma tiegħu innifsu biex jgħinu jinqata' mir-raġunijiet u l- kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jagħraf iqum fuq saqajh, jibni ħajtu mill-ġdid u ma jibqax aktar ta' theddida għas-soċjeta bħal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa.

F'dan il-kuntest il-piena għandu jkollha **<u>effetti riedukattivi u korrezzjonali</u>** fuq il-ħati. Biex dan l-għan jintlaħaq, il-ħati għandu jsib dawk l-istrutturi maħsuba mill-Istat biex ikun jista' jwettaq dan il-perkors rijabilittativ u jiġi mgħejjun itejjeb l-imġieba tiegħu b'mod li għalhekk ikun jista' jerġa jiġi reintegrat fis-soċjeta, billi jiġi riedukat, imħeġġeġ jiżviluppa t-talenti u l-abbiltajiet tiegħu, inkoraġġit jaħdem biex ikollu biex jerġa jibni ħajtu u jgħix diċenti, ma jkollux għalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn jagħmel tajjeb għad-danni li jkun ikkawża b'egħmilu. F'dan is-sens allura l-Carnelutti jtenni li l-piena hija distinta mill-kastig, għalkemm għandha effikaċja repressiva.

Il-Qorti hadet nota tar-rikors kongunt bejn l-Avukat Generali u d-Difiza u taqbel mal-parametri indikati bhala piena.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-mottiv l-Qort wara li rat Artikoli 31; 41(1)(a); 49; 50; 214; 215; 216(1)(a) (c) (d); 217; 218; 338(dd); 339(1)(d) u (e); 339(1)(d); 383; 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u fl-artikoli 6 u 51(7) tal-Att dwar l-Armi Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati u tikkundannah hames snin u sitt xhur prigunerija effettiva flimkien mal-hlas tal-multa fl-ammont ta' mija u sittax –il euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47).

Il-Qorti tordna l- konfiska tal-arma uzata fil-kaz

Inoltre l-Qorti tordna l-hlas tal-ispejjez peritali kollha inkorsi f'dan il-kaz skont dak li jipprovdi Artikolu 533 tal-Kap 9 li jammontaw ghal: €8,933.80[3], liem somma ghandha tithallas fi zmien tlett snin minn meta jiskonta l-piena ta' prigunerija.

___________________________

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**

[3] Dr. Mario Scerri - €242.60 ( a fol 48); Dr. Martin Bajada - €438.37 ( a fol 144A); Dr. Anthony Cutajar - €754.73 ( a fol 294A); Dr. Mario Scerri - €283.90 ( a fol 321); PC 405 Jason Schembri - €275.80 ( a fol 342); Dr. Marisa Cassar - €6,088.80 ( a fol 396); Dr. Marisa Cassar - €849.60 ( a fol 409). Total: €8,933.80